# IL-ĦOLMA TAL-POETA

## Għeluq il-50 sena mill-mewt ta' Rużar Briffa

Serata Mużiko-Letterarja
mtellgħa mid-Dipartiment tal-Malti
l-Akkademja tal-Malti
u l-Għaqda tal-Malti - Università
taħt il-Patroċinju Distint tal-E.T. l-President ta' Malta Dott. George Abela

It-3 ta' Ġunju 2013 fis-7:00 pm
Il-Palazz ta' Sant'Anton



# PROGRAMM

| | |
|---|---|
| **"...u mbagħad ħarġet ix-xemx..." (introduzzjoni awdjoviżiva)** | L-Uffiċċju tal-President |
| Diskors tal-ftuħ | Bernard Micallef |
| **Il-Ħarba taż-Żmien** | **Oliver Friggieri** |
| *Metamorfosi, Ħaġar Qim* | Drammatizzazzjoni |
| *Illum u Lbieraħ, Konna Tfal* | Qari – Marcel Zammit Marmarà |
| *Deżolazzjoni* | Kant – Doreen Galea |
| *Xebh, Lil Ommi* | Drammatizzazzjoni |
| **Xewqat mhux Mitmuma (Xewqat fiergħa, il-mewġ u l-warda)** | **Adrian Grima** |
| *Il-Kastell Tiegħi, Lil Għasfur Jgħanni* | Drammatizzazzjoni |
| *Tfajla Toħlomx* | Kant – Ludwig Galea |
| *Xewqat, Ħolm* | Qari – George Farrugia |
| *Il-Bluha taż-Żgħorija, Lacrymae Rerum* | Drammatizzazzjoni |
| *Nofsinhar Sajfi* | Kant – Dorothy Bezzina |
| **Is-Solitudni fis-Sofferenza u fil-Mard** | **Immanuel Mifsud** |
| *Waħdi, Quo Vadis?* | Drammatizzazzjoni |
| *Kenn l-Imħabba, Ix-Xita Nieżla* | Qari – Leanne Ellul |
| *L-Għanja tal-Imnikket* | Kant – Doreen Galea |
| *Waħdi (varjazzjoni), Tristis Est Anima Mea, Vjolin Marid* | Drammatizzazzjoni |
| Kelmtejn tal-għeluq | Carmel Azzopardi |
| *Jum ir-Rebħ* | Kant – Joseph Aquilina |

Il-grupp ta' atturi mmexxi minn Josette Ciappara:
Renato Dimech, Sean Buhagiar, Alison Abela, Rowena Gauci Davison

Il-kanzunetti jinsabu fid-diska kompatta "Karba" li qed titnieda uffiċjalment f'din is-serata u huma kompożizzjoni tal-Mro Dominic Galea.

## RUŻAR BRIFFA

Rużar Briffa twieled il-Belt nhar is-16 ta' Jannar 1906. Studja fl-iskola elementari tal-Gvern f'Sant'Iermu u l-Liċeo tal-Belt u, wara li għadda mill-eżamijiet tal-matrikola, fl-1923 beda jgħallem fl-iskejjel elementari. Kellu jkun l-ewwel għalliem bil-matrikola fid-Dipartiment. Fl-1924, beda l-istudju tiegħu fil-mediċina, fl-Università ta' Malta – studju li ssoktah f'Londra fil-Venereoloġija u d-Dermatoloġija u fl-1932 sar speċjalista tal-mard tal-ġilda. Mewta li bla dubju ta' xejn tefgħetu f'baħar ta' dulur kienet dik ta' martu Constance Winifrid Dunn li hu żżewweġ fl-1933. Minn dan iż-żwieġ kellu 'l bintu waħdanija Ċeċilja.

Fi żmienu kien magħruf bħala l-Poeta tas-Sbuħija. Sa minn tfulitu kien ifittex il-ġonna mwarrba, l-aktar dawk tal-Barrakka ta' Fuq kif ukoll ta' Hastings, il-Mall, Sammiżum u l-Argotti. Minn *Lacrymae Rerum* – l-ewwel lirika – sal-aħħar poeżija tiegħu, *Ballatella tal-Funtana,* insibu tabib sensittiv li josserva d-dinja mill-imwarrab, b'xewqa nostalġika għall-imgħoddi filwaqt li mġarrab bin-niket ta' ħaddieħor.

Fl-1931 flimkien ma' sieħbu Ġużè Bonnici waqqaf l-Għaqda tal-Malti (Università). F'Marzu ta' dik is-sena ħarġu l-ewwel għadd ta' *Leħen il-Malti* u f'Ottubru Briffa ngħata l-Aubrey Strachan Travelling Scholarship biex jissokta l-istudju tiegħu Londra.

Rużar Briffa ħadem bla mistrieħ meta faqqgħet il-pesta bubonika fl-1936 u dik tal-1945. Baqa' jara l-pazjenti fil-Crown Pharmacy sa ftit ġimgħat qabel ma miet, nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Frar 1963, fid-dar tiegħu fil-Bini Vincenti, Triq id-Dejqa, il-Belt. L-Għaqda tal-Malti (Università) fakkritu bl-għadd speċjali ta' *Leħen il-Malti* fl-istess sena ta' mewtu u għaxar snin wara l-Moviment Qawmien Letterarju waħħal lapida kommemorattiva fil-Barrakka ta' Fuq, dak il-ġnien li tant ispira lill-poeta u li fih tħabbeb mal-poeżija.

Għaqda tal-Malti Università

MALTA ARTS FUND